

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Lukošiušė u D. Hanf, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Wit-Software, Consultoria e Software para a Internet Móvel, SA (Lisbona, il-Portugall) (rappreżentanti: F. Teixeira Baptista u C. Tomás Pedro, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-6 ta' Marzu 2014 (Każ R 1059/2013-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Wit-Software, Consultoria e Software para a Internet Móvel u Construlink – Tecnologias de Informação.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Construlink – Tecnologias de Informação, SA għandha tbat i-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) għal finijiet ta' dawn il-proċeduri u minn Wit-Software, Consultoria e Software para a Internet Móvel, għall-finijiet tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell.*

⁽¹⁾ ĠU C 261, 11.8.2014.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Frar 2017 – Mayer vs EFSA

(Kawża T-493/14) ⁽¹⁾

(“Espert nazzjonali kkollokat — Regoli tal-EFSA dwar l-END — Deċiżjoni li l-kollokament ma jiġġeddidx — Aċċess għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Rifjut ta' aċċess — Eċċezzjoni relatata mal-protezzjoni tal-ħajja privata u tal-integrità tal-individwu — Protezzjoni tad-data personali — Regolament (KE) Nru 45/2001 — Talbiet għal konstatazzjoni u għal ordni — Sottomissjonijiet komplementari għar-rikors — Modifika tal-kapijiet tat-talbiet — Ammissibbiltà”)

(2017/C 104/57)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Ingrid Alice Mayer (Ellwangen, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Mayer, avukat)

Konvenuta: Awtorità Ewropea għas-Sigurtà tal-Ikel (EFSA) (rappreżentant: D. Detken, aġent, assistit minn R. Van der Hout u A. Köhler, avukati)

Suġġett

Rikors ibbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiż sabiex jikkontesta d-deċiżjonijiet tal-EFSA li jiċħdu, minn naħa, it-talba tar-rikorrenti sabiex il-kollokament tagħha bħala espert nazzjonali mal-EFSA jiġi estiż u, min-naħa l-oħra, it-talba ta' aċċess tar-rikorrenti għal dokumenti miżmuma mill-EFSA.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*

2) Ingrid Alice Mayer hija kkundannata għall-ispejjeż, inklużi dawk marbuta mal-proċedura għal miżuri provviżorji.

⁽¹⁾ ĠU C 329, 22.9.2014.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Frar 2017 – Holistic Innovation Institute vs REA

(Kawża T-706/14) ⁽¹⁾

[“Riċerka u żvilupp teknoloġiku — Proġetti ffinanzjati mill-Unjoni fil-qasam tar-riċerka — Is-seba program qafas għall-azzjonijiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrarzzjoni (2007-2013) — Proġetti ZONESEC u Inachus — Deċiżjoni li tirrifjuta l-parteċipazzjoni tar-rikorrenti — Rikors għal annullament u għad-danni”]

(2017/C 104/58)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Holistic Innovation Institute, SLU (Pozuelo de Alarcón, Spanja) (rappreżentanti: inizjalment R. Muñiz García, sussegwentement J. Marín López, avukati)

Konvenuta: Aġenzija eżekuttiva għar-riċerka (rappreżentanti: S. Payan Lagrou u V. Canetti, aġenti, assistiti minn J. Rivas, avukat)

Suġġett

Minn naħa, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tad-direttur tar-REA tal-24 ta' Lulju 2014 [ARES (2014) 2461172], intiża sabiex ittemm in-negozjati mar-rikorrenti u sabiex tiġi miċħuda l-parteċipazzjoni tagħha fil-proġetti Ewropej Inachus u ZONESEC u, min-naħa l-oħra, bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiża għar-riżarċiment ta-danni allegatament subiti mir-rikorrenti minħabba l-esklużjoni tagħha mill-parteċipazzjoni fl-imsemmija proġetti u minħabba l-komunikazzjoni ta' ċerta informazzjoni dwarha wara l-imsemmija deċiżjoni.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Holistic Innovation Institute, SLU hija kkundannata għall-ispejjeż fil-kuntest ta' din il-proċedura.
- 3) Kull parti għandha tbat i-ispejjeż proprji tagħha marbuta mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.

⁽¹⁾ ĠU C 421, 24.11.2014.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Frar 2017 – Novar vs EUIPO

(Kawża T-726/14) ⁽¹⁾

[“Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Prova tal-eżistenza, tal-validità u tal-portata tal-protezzjoni tat-trade mark preċedenti — Reġistrazzjoni internazzjonali li tirreferi għall-Unjoni Ewropea — Deċiżjoni li tiċħad l-oppożizzjoni minħabba nuqqas tal-prova tad-dritt preċedenti — Regola 19(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 2868/95 — Reviżjoni tad-deċiżjoni — Artikolu 62(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Danni li jikkonsisti fi spejjeż tal-avukat — Rabta kawżali”]

(2017/C 104/59)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermanja

Partijiet

Rikorrenti: Novar GmbH (Albstadt, il-Ġermanja) (rappreżentant: R. Weede, avukat)